Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-Gimgha, 1 ta' April 2016

Appell Civili numru:- 31/1999AE

**Joe Buttigieg**

**vs**

**Mariella Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-Avviz tal-attur datat 16 t'April 1999 li permezz tieghu talab lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) - illum ekwivalenti ghal elfejn tliet mija disa' u ghoxrin Ewro (Eur2329.00) - mislufa lilha "brevi manu" fil-5 ta' Frar 1997 ghall-iskop li thallas il-maggor parti tal-bilanc illi kien fadlilha thallas fuq il-karozza *Hyundai Accent* (numru ta' registrazzjoni CAC-487). Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Rat in-Nota ta' Eccezzjonijiet tal-konvenuta[1] tal-20 ta' April 1999 li permezz taghha mhux biss cahdet li l-attur kien taha xi flus talli eccepiet li kien l-attur li ripetutament talab u rcieva minghandha hlasijiet ta' flus.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri tal-14 ta' Ottubru 2015 fejn intqal:-

*"Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni talkonvenuta, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur is-somma ta' elf lira maltija (Lm1000), illum elfejn tliet mija disgha u għoxrin euro (€2329), bl-imgħaxijiet relattivi b'effett mill-5 ta' Frar 1999. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tad-29 ta' April 1998, kontra l-istess konvenuta."*

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet fost ohrajn is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

[1] Fol 4.

i. Il-Qorti giet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, bl-attur jghid li kien sellef Lm1,000 lill-konvenuta *brevi manu* biex din tkun tista' thallas il-parti l-kbira tal-bilanc mill-pagament li kien ghadu dovut fuq karozza ta' tip Hyundai Accent u minn naha l-ohra l-konvenuta tichad li dan kien il-kaz u ssostni li l-pagament ta' Lm1,000 ghamlitu minn flusha stess;

ii. Meta nxtrat il-vettura msemmija l-partijiet kienu gharajjes. Peress li fi zmien partikolari l-konvenuta kienet sejra ssiefer l-Istati Uniti ghal zmien indeterminat hija xtaqet tnaqqas kemm jista' jkun mill-bilanc halli ma taqax lura fil-pagamenti;

iii. L-attur qal li peress li l-konvenuta ma kellhiex biex thallas ammonti konsiderevoli f'daqqa ghax il-hlas kienet qed taghmlu minn dak li taqla' mill-impjieg taghha f'fabbrika, talbitu jsellifha elf lira ghal dan il-ghan, imma lanqas hu ma kellu dak l-ammont disponibbli. Ghalhekk irrikorra ghand huh li accetta li jselfu din is-somma biex jghaddiha lill-konvenuta. Dan gie korroborat minn huh stess kif ukoll minn ohtu;

iv. L-attur ha mieghu dawn il-flus fuq ix-xoghol u ltaqa' mal-konvenuta u ommha biex flimkien marru jaghmlu l-pagament ghand id-*dealer* tal-karozza. Ghal din ir-raguni l-*istatement* tal-5 ta' Frar 1997, minn fejn irrizulta li sar dan il-pagament tal-Lm1,000, spicca fil-pussess tieghu;

v. Il-konvenuta nsistiet li mhux talli ma sselfitx flus minghand l-attur, talli kienet hi li selfitu l-flus ghalkemm ma ressqet ebda prova dwar dan. Hija ma kellhiex ghalfejn tissellef minghand l-attur biex taghmel il-pagament tal-Lm1,000 lid-*dealer* ghax kellha bizzejjed minn taghha, kienet gejja minn familja tat-tajjeb, u l-familja taghha dejjem ghenuha fil-htigijiet taghha;

vi. Il-konvenuta tallega li l-attur ivvinta din l-istorja biex ipattihielha talli kienet telqitu ghal haddiehor;

vii. In sostenn tat-tezi taghha l-konvenuta pproduciet il-kambjali kollha mahruga in konnessjoni max-xiri tal-vettura taghha li kollha gew ritornati lilha, flimkien mal-*istatements* tal-pagamenti li saru, hlief ghall-*istatement* tal-elf lira li skont il-konvenuta gie fil-pussess tal-attur wara li hi stess hallithielu qabel ma siefret halli f'kaz ta' bzonn ikollu x'juri peress li l-vettura taghha kienet ser tkun f'idejh fil-perjodu tal-assenza taghha minn Malta;

viii. Omm il-konvenuta cahdet li hija akkumpanjat lill-konvenuta meta sar il-hlas tal-elf lira izda ma kkonfermatx li hija u zewgha kienu assistew lil binthom finazjarjament biex taghmel dan il-hlas;

ix. Fl-isfond ta' dawn il-verzjonijiet, il-Qorti qieset li kull wahda mill-partijiet kienet kredibbli u fin-nuqqas ta' prova li setghet tiffavorixxi naha jew ohra, kellha tilqa' l-verzjoni tal-konvenuta a bazi tal-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*;

x. Imma finalment il-prova li kkonvinciet lill-Qorti tilqa' t-tezi tal-attur kienet id-dikjarazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni dwar id-dhul tal-konvenuta mill-1993 sal-1999. Mill-evalwazzjoni li ghamlet il-Qorti kkonkludiet li difficilment il-konvenuta setghet gemmghet bizzejjed biex taghmel pagament iehor f'daqqa' ta' elf lira fi Frar 1997. Fin-nuqqas tal-attrici li turi li dawn il-flus gew provduti lilha minn sorsi ohra, allura kienet kredibbli l-verzjoni tal-attur li dawn il-flus inghataw lilha mill-attur.

Il-konvenuta hassitha aggravata minn din is-sentenza u nterponiet appell minnha lil din il-Qorti.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravju tal-appellanti.**

L-appellanti tilmenta (i) mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti meta bbazat id-decizjoni taghha fuq suppozizzjonijiet u assunzjonijiet li ma jirrizultawx mill-atti; (ii) li l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li huwa kien sellef il-flus in kwistjoni lill-appellanti u dan minhabba nuqqas ta' konsistenza u uniformita' fix-xhieda mressqa mill-appellat.

L-appellat wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

L-apprezzament tal-provi jispetta lill-ewwel Qorti li tkun semghet il-provi u li dan l-appezzament m'ghandux jigi disturbat sakemm ma jirrizultax manifestament irragonevoli.

Fil-kaz **Said International Limited (C2680) vs Bank Centrali ta' Malta** deciz fid-29 ta' Jannar 2016[2], il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li -

"...*fil-gurisprudenza taghna huwa ritenut li normalment li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi raguni gravi u mpellenti. F'dan is-sens huma s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-28 ta'*

[2] Rik 1145/08.

*Frar, 1997, fl-ismijiet* ***Joseph Grech Sant noe v. l-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et noe,*** *kif ukoll dik tas-27 ta' Novembru 2009, fl-ismijiet* ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** *u dik tat-3 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet* ***Isabelle Borg et v. Robert Galea et*** *fejn kien ritenut illi: "Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha*."

F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet li jikkonfliggu ma' xulxin, bl-attur jinsisti li huwa rrikorra ghand huh biex jissellef Lm1,000 ghall-konvenuta biex jinqata' parti sostanzjali mid-dejn pendenti ghall-karozza li kienet xtrat il-konvenuta peress li din kienet se ssiefer ghal xi zmien; u l-konvenuta tinsisti li dan il-hlas ta' Lm1,000 sar minn flusha.

Il-principji gurisprudenzjali li jiddefinixxu r-rwol tal-Qrati quddiem provi kontradittorji ghal xulxin huma ben stabbiliti. Fost ohrajn fil-kaz **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**[3] deciz fis-26 ta` Settembru 2013 jinghad hekk -

*".. il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12). …*

*Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 -* ***Emanuel Ciantar vs David Curmi et****).*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-*

[3] Cit 2590/99 Prim Awla tal-Qorti Civili.

*tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi ndipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 -* ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et****). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 -* ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.****).”*

Id-domanda krucjali hi:- is-self ta' Lm1,000 sar jew ma sarx mill-attur lill-konvenuta?

Mis-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta li emmnet lill-attur a bazi ta' dak li rrizulta minn dokument li kien juri xi qliegh ghamlet il-konvenuta matul is-snin 1993-1999 (fol. 217). L-ewwel Qorti qalet:-

*"Imma l-prova li finalment wasslet lill-Qorti biex temmen il-verżjoni tal-attur kienet id-dikjarazzjoni fuq il-firma ta' Spiro Formosa mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni dwar id-dħul tal-konvenuta mill-1993 sal-1999. Dan id-dokument ġie prodott mill-konvenuta stess, u minnu jirriżulta li fl-1997 mill-fabbrika fejn kienet taħdem il-konvenuta sakemm siefret, (għax meta ġiet lura bdiet tahdem f'fabbrika oħra), id-dħul tagħha kien biss ta' Lm243.41, wara li titnaqqas it-taxxa tad-dħul u l-bolla tas-sigurta soċjali. Meta nxtrat il-karozza f'April 1996, il-konvenuta kienet ħallset akkont is-somma ta' Lm2100.10. Wieħed jifhem li din kienet is-somma, jew il-parti l-kbira minnha, li l-konvenuta kien irnexxielha ġġemma sa dakinhar mill-impieg tagħha matul is-snin preċedenti, u ma setgħetx kellha wisq iżjed flus f'idejha, għax inkella x'aktarx kienet tagħmel depożitu ikbar għand id-dealer tal-karozzi, tenut kont ir-rata pjuttost għolja ta' mgħax fuq l-interessi. Fix-xhur ta' wara l-konvenuta laħqet għamlet ħlas ta' Lm1700 oħra, u allura diffiċilment setgħet ġemmgħet biżżejjed sabiex tagħmel pagament ieħor f'daqqa ta' elf lira fi Frar 1997. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li, peress li l-konvenuta kienet ser issiefer dalwaqt lejn l-Istati Uniti għal żmien indeterminat, xi ħaġa tal-flus riedet tieħu magħha ukoll, u allura dawn l-elf lira minn x'imkien riedu jiġu. La l-konvenuta, u lanqas ommha, kif rajna, ma qalu speċifikament li l-elf lira kienu pprovdewhomlha l-ġenituri tagħha, jew li sselfithom minn band'oħra. Konsegwentement ma jibqa' ebda alternattiva ħlief li dawn il-flus tassew ġew mgħoddija lill-konvenuta mill-attur.”*

Il-Qorti tinnota li hlief ghal dan id-dokument tad-Dipartiment tat-Taxxi li juri l-qliegh taghha mill-impjieg, ma jirrizultawx provi ohra konkreti, partikolarment dokumentarji, li b'xi mod jixhtu dawl fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellanti.

Certament, la ngiebet prova dwar l-assi finanzjarji taghha, la tat-tfaddil u lanqas tal-infiq. Ghalkemm l-appellat jallega li kienet tberbaq il-flus, fil-fehma tal-qorti din baqghet biss allegazzjoni. Din il-qorti m'hijiex daqstant kovinta mir-ragunament tal-ewwel qorti bhala l-fattur determinanti li wassalha biex tikkonkludi li l-verzjoni tal-attur hi l-iktar kredibbli. Fil-fehma ta' din il-qorti hemm provi ohra li jikkorraboraw il-verzjoni tal-appellat:-

i. L-ahwa tal-attur, John Buttigieg u Lina Refalo.

L-attur xehed li l-konvenuta talbitu jsellifha Lm1,000 biex taqta' parti sostanzjali mid-dejn tal-karozza li kienet xtrat peress li din kienet ser issiefer ghal xi zmien. Huwa jkompli jghid li peress li ma kienx f'qaghda finanzjarja li seta' jghinha personalment, irrikorra ghand huh John Buttigieg li accetta u tah il-flus.

John Buttigieg xehed:-

*"Niftakar li darba, kien is-Sibt fil-ghaxija, bhas-soltu mort ix-Xewkija ghandi l-genituri tieghi. Mieghi kelli lit-tfal u lil marti. Id-dar sibt ukoll lil hija l-attur u l-konvenuta, li dak iz-zmien kienet l-gharusa tieghu. Kien gie fuqi hija l-attur, u saqsieni jekk stajtx insellfu elf lira (Lm1,000) sabiex huwa jkun jista' jghaddi dan l-ammont lill-gharusa tieghu biex din tkun tista' thallas b'dan l-elf lira (Lm1,000) il-parti l-kbira mill-bilanc li kien ghad fadlilha thallas fuq il-karozza li kienet xtrat. Jien accettajt u xi granet wara gibtlu lil hija elf lira (Lm1,000) li talabni. Tajthomlu fid-dar tal-genituri taghna fix-Xewkija. Dak il-hin li slift il-flus kien hemm ohti Lina, il-genituri tieghi u hija Joe u l-konvenuta. Niftakar qaltli 'Ganni, tiehux hsieb, il-flus naghtihomlok lura. U jien niftakar ghidtilha dawn il-precizi kelmiet "Sewwa ma taghtihomlix, ghandi mara u zewgt itfal".*

Lina Refalo xehdet: *"Niftakar li darba fil-weekend konna migbura d-dar, u kien hemm ukoll hija l-kbir John bil-familja, u gabu s-suggett fuq il-flus u hija Joe staqsieh biex iselfilhom elf lira (Lm1,000). Hija l-kbir John accetta li jsellef dawn il-flus. Il-flus hargu u hija Joe u Mariella marru jhallsu dawn l-elf lira (Lm1,000). Ftit granet wara Mariella Saliba siefret lejn l-Amerika"* (fol. 27). In kontro-ezami qalet: "kien sellifhomlha hija l-kbir, biex din tkun tista' thallas il-parti l-kbira li kien fadlilha fuq il-karozza, qabel ma ssiefer,….." (fol. 175), u *"Hu (John Buttigieg) tahom lil hija minhabba fiha, ghax hi ridithom, u tahom lil hija, sabiex hu jkun jista' jaghtihomlha biex thallas il-karozza"*[4]. Sahansitra fl-affidavit qalet li meta l-konvenuta rritornat mill-Amerika: *"Kull meta konna niltaqghu u nsemmihomlha kienet tghid "rrid inhallashom", imma qatt ma bdiet taghtih xi haga fix-xahar*

[4] Seduta 7 ta' Marzu 2012 fol 179.

*minkejja li jien kont nishaq hafna li ghadda zmien bizzejjed biex dawn il-flus jithalsu lura".*

ii. Mark Refalo, kollega fil-post tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur, li xehed li kien hemm gurnata meta l-attur urieh mazz liri li kien ha mieghu x-xoghol u qallu li kien hemm is-somma ta' Lm1,000 u kien ser imur ihallas il-karozza ghand ic-Ciniz ('il-laqam ta' Eucharist Mercieca li minghandu l-konvenuta xtrat il-vettura).

Hu minnu li meta l-attur xehed l-ewwel darba (seduta tal-4 ta' Gunju 1999), qal li:-

1. il-flus ircevihom minghand huh fil-prezenza tal-konvenuta, filwaqt li in kontro-ezami xehed li meta huh tah il-flus, il-konvenuta ma kinitx prezenti[5].

2. kien mar mal-konvenuta u ommha ghand l-agent li minghandu nxtrat il-vettura u hallas direttament lis-sid tal-hanut Eucharist Mercieca, maghruf bhala Karistu c-Ciniz, u dan ta l-ircevuta tal-hlas direttament lilu:

   *"Xhud: Morna ghand Karistu c-Ciniz.*

   *Dr. Anton Refalo: Ghand Karistu, ghax il-karozza xtratha minghand ic-ciniz.*

   *Xhud: Iva.*

   *Dr. Anton Refalo: U tajtu l-elf lira?*

   *Xhud Iva.*

   *Dr. Anton Refalo: U x'tak Karistu c-Ciniz tal-elf lira?*

   *Xhud: Tani rcevuta"*[6].

   Pero' omm il-konvenuta qalet li qatt ma kienet prezenti, Vicky Vella xehdet li l-pagamenti dejjem irceviethom minghand il-konvenuta nkluz il-hlas ta' Lm1,000 u sahansitra in kontro-ezami l-attur xehed:

   *"Qorti: U int tajt il-flus direttament lid-dealer allura.*

   *Joe Buttigieg: Le tajthom lilha biex thallus hi hemm hekk stess.*

   *Dr Deborah Mercieca: Kont prezenti ?*

   *Joe Buttigieg: Iva kont prezenti maghha"*[7].

   Pero' l-qorti m'hijiex tal-fehma li din id-diskrepanza tfisser li l-verzjoni tal-attur m'hijiex kredibbli. Dan meta tikkunsidra dak li xehdu John Buttigieg, Lina Refalo u Mario Refalo. Hu veru li l-ewwel tnejn huma l-ahwa tal-attur, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti ghandha tiskarta dak li qalu. Wara li l-qorti

---

[5] Kontro-ezami tal-attur a fol 197.
[6] Xhieda tal-attur a fol 8.
[7] Fol. 200.

qrat kemm-il darba dak li xehdu ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhomx jitwemmnu.

L-appellanti semmiet ukoll li x-xhud John Buttigieg, waqt il-kontroezami, semma' li l-flus kienu ntizi biex l-appellanti tixtri karozza (fol. 9 tar-rikors tal-appell). Il-qorti m'hijiex konvinta li x-xhud qal hekk (fol. 166[8]) meta tqis li f'dik l-istess seduta qal li ta l-flus biex l-appellanti *"…. Thallas id-dejn tal-karozza li kellha"* (fol. 165). Sar ukoll accenn ghall-fatt li x-xhud qal li l-flus tahom lill-appellat. L-appellanti argumentat: *"Is-sens komun ighidlek li jekk verament ghaddew dawn il-flus dawn kienu jghaddu direttament ghand l-appellanta"* (fol. 280). Il-qorti ma taqbilx meta tqis li kien l-appellat li talbu ghall-flus. Fir-rikors tal-appell l-appellanti ghamlet enfazi fuq min fizikament hallas is-somma ta' Lm1,000 lil Eucharist Mercieca Co Ltd[9]. Il-qorti hi tal-fehma li dan ma kienx krucjali ghall-ezitu tal-kawza. Irrispettivament minn min fizikament ghamel il-hlas, meta tqis dak li xehdu John Buttigieg, Lina Refalo u Mario Refalo l-qorti hi konvinta li l-hlas ta' Lm1,000 li sar fil-5 ta' Frar 1997 lil Eucharist Mercieca Co. Ltd. kien mill-flus li ssellfet l-appellanti u mhux kif qalet l-appellanti minn flusha. Fir-rikors tal-appell ma tressqux ragunijiet[10] li jistghu jwasslu lill-qorti biex tiskarta dak li xehdu dawn ix-xhieda.

Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumentat ukoll li:-

I. Hemm inkonsistenza fl-ittra interpellatorja tal-11 ta' Frar 1998 (fol. 117) u l-ittra ufficjali tad-29 ta' April 1998 (fol. 119). Il-qorti ma taqbilx. Fiz-zewg dokumenti jissemma' self *brevi manu*. Hu veru li fl-ewwel ittra jinghad ukoll li s-somma ta' Lm1,000 thallset minnu ghan-nom taghha, pero' hu fatt ukoll li fiz-zewg dokumenti l-awtur hu differenti.

II. Mid-deposizzjoni ta' Eucharist Mercieca tkompli tohrog l-inkonsistenza. Il-qorti ma taqbilx. Dan ix-xhud tista' tghid li ma ftakar xejn u d-deposizzjoni tieghu ma tistax tkun ta' beneficcju ghal xi parti fil-kawza.

III. Fiz-zmien li siefret lejn l-Amerika, ir-relazzjoni taghha mal-appellat kienet ghaddejja: *"….. minn perjodu turbolenti…. X'hin wiehed iqis li din ir-relazzjoni ma tantx kienet ghaddejja minn mumenti sbieh u l-appellanta kienet qatghet open ticket ghal sitt xhur bir-riskju li r-relazzjoni tispicca, wiehed isibha pjuttost difficli jemmen kif l-appellat kien dispost li jirriskja*

---

[8] *"Hekk biss qaltli. Imbaghad xtrat karozza, u hallset l-ammont il-kbir minn dan l-elf lira (Lm1,000) li tajtha".*

[9] Per ezempju l-appellanti argumentat li kieku l-hlas sar mill-appellat, "wiehed kien jistenna wkoll li l-appellat jkollu fil-pussess tieghu l-kambjali". Pero' mill-provi rrizulta li l-kambjali ma nghatawx lura meta thallset is-somma ta' Lm1,000. Tant hu hekk li fuq il-parti l-kbira tal-kambjali li pprezentat l-appellanti, hemm timbru bil-klem *"Received Payment 11 Dec 1997"*, li jaghti lill-qorti x'tifhem li l-kambjali gew ritornati xhur wara li sar il-hlas ta' Lm1,000. Irrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Eucharist Mercieca u Vicky Vella, li mhux bilfors li l-kambjali jinghataw lura mal-hlas.

[10] Fir-rikors tal-appell, l-appellanti m'ghamlet ebda riferenza ghal dak li xehedu Lina Refalo u Mario Refalo, u li fil-fehma tal-qorti jikkorraboraw il-verzjoni tal-appellat.

*daqshekk (bi flus haddiehor ghax il-flus lanqas kienu tieghu izda ta' huh skontkif jallega hu) u jaghzel li ma jaghmel l-ebda skrittura dwar dan is-self jew li ghall-anqas jistabilixxi zmien meta kien sejjer jintradd lura dan is-self".* Il-qorti m'hijiex konvinta minn dan, meta tqis li:-

(a) Fil-vjagg li ghamlet l-Amerika, kienet marret toqghod ghand oht l-appellat;

(b) Sahansitra qabel telqet kienet tat lill-appellat ic-cavetta tal-vettura;

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet tqis li l-verzjoni tal-attur li sar is-self, bhala iktar kredibbli minn dik tal-appellanti.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur